MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Numru. 226/2008

**Il-Pulizija**
**(Spett. Johann J Fenech)**

**vs.**

**Christine Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Christine Spiteri ta' 43 sena bint il-mejjet Carmel Pace u Josephine nee' Bryan, mwielda Sliema fil-21 ta' Frar 1965 u residenti Ustrinov, Triq is-Serkin, Marsa, detentrici tal-Karta tal-Identita numru 238665 (M).

Akkuzata talli fil-31 ta' Marzu 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'San Gwann u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

a) kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinietx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinietx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinietx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinietx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u specifikata (valium) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordnijiet tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-Ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap 31).

Wara li rat il-verbal fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, fejn Dottor Mark Mifsud Cutajar ghall-imputata ivverbalizza illi *"fid-dawl tal-ahhar emendi u sentenzi dwar l-istqarrija, jitlob li din tigi sfilzata jew alternattivament skartata mill-Qorti minhabba l-mod li giet mehuda.'*

Wara li rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Frar 2012, rriteniet illi "*in vista tal-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi 'Pulizija vs Alvin Privitera' tal-11 ta' April 2011, 'Pulizija vs Esron Pullicino u 'Pulizija vs Mark Lombardi' tat-12 ta' April 2012, sejra tilqa' t-talba u tiddikjara li ser timxi skrupolozament mal-insenjament ta' din il-Qorti f'dawn it-tliet sentenzi'*

Kif gia gie ritenut minn din il-Qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Michelle Bugeja' deciza fit-13 ta' Jannar 2012, ir-rimedju li ghandu jinghata ghal ksur ta' smiegh xieraq ta' l-imputata stante li ma kellhiex access ghal avukat qabel l-interrogatorju*"huwa propju dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta'* ***Privitera*** *fuq citat u cioe li l-Qorti tal-Magistrati "tevalwa l-validita u l-ammissibilita tal-provi migjuba quddiemha" fid-dawl tal-konkluzjonijiet tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-atti tal-kawza odjerna ghandhom jibqghu intatti, pero meta din il-Qorti tasal biex taghti s-sentenza ghandha tixtarr il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-htija jew l-innocenza ta' l-imputata tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq, u li l-istqarrija de quo ma jkollha l-ebda influwenza, diretta jew indiretta, fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali."*

Wara li rat l-ammissjoni ta’ l-imputata ghat-tielet imputazzjoni dwar il-pilloli Valium

Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenza ta’ din l-ammissjoni taghha u taghtha hin sabiex terga tahsibha, pero dan nonostante l-imputata regghet kkonfermat li qed twiegeb hatja ghall-imputazzjonijiet dedotta kontra taghha.

Ikkunsidrat:

Fil-kaz odjern, fis-seduta tad-29 ta’ Frar 2012, il-prosekuzzjoni vverbalizzat li *‘taqbel li l-akkuzi (a) u (b) huma bbazati fuq dak li l-imputata qalet fl-istqarrija taghha rilaxxjata lill-Ufficjal Prosekutur.’* F’din l-istqarrija l-imputata ammettiet li kienet abbuzat mid-droga kokaina u eroina, pero dawn id-drogi ma nstabux materjalment fil-pussess taghha, u l-prosekuzzjoni ma kellhiex provi ohra dwar iz-zewg imputazzjonijiet.

Pero it-tielet imputazzjoni ta’ pussess semplici tal-medicina Valium, giet ammessa mill-imputata fil-proceduri odjerni. Irrizulta wkoll mill-provi tal-prosekuzzjoni li nstabu zewg pilloli Valium fil-pussess tal-imputata.

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata u l-fedina penali pjuttost raffrettarja taghha minn fejn jirrizulta li l-imputata diga nghatat zewg Probation Orders ghall-abbuz tad-droga eroina u ghandha 21 kundanna ohra minn dawn il-Qrati principalment minhabba akkuzi relatati ma’ prostituzzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939, u l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 u ir-Regolament 5(1) tal-Avviż Legali 22/1985, issib lill-imputata mhux hatja ta’ l-imputazzjonijiet (a) u (b)

migjuba kontra taghha u qed tilliberaha minnhom izda ssibha hatja ta' l-imputazzjoni (c) u qieghda tikkundannaha ghal multa ta' 500 Euro, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00) bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta' Marzu 2013. Pero jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita taht il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------